**Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex**

**Fondi Ewropej u Għajnuna Statali**

Joseph Borg It-Tlieta 28 ta' Lulju 2020

Nirringrazzja lill-dan il-Kumitat għall-istedina li għamiltulna bħala Kamra tan-Negozju għal Għawdex illum. It-tema li qed tiġi diskussa hi dwar Fondi Ewropej u Għajnuna Statali. Għalkemm bħala Kamra tan-Negozju se niffokaw fuq l-Għajnuna Statali nixtieq li fl-introduzzjoni nagħmel kumment żgħir fuq dawk li huma l-Fondi Ewropej.

Il-ġimgħa l-oħra ngħatat l-aħbar tal-fondi Ewropej allokati għall-pajjiżna. Din hija aħbar importanti, meħuda wkoll fil-kuntest li almenu għaxra fil-mija tal-allokazzjoni f'dawk li huma fondi relatati mal-politika ta' Koeżjoni u Agrikoltura se jiġu allokati għall-Għawdex.[1] Minbarra l-agrikoltura, li dejjem tibqa' settur importanti għal Għawdex, wieħed għandu jara li il-fondi, speċjalment fejn tidħol il-politika ta' Koeżjoni, jgħinu biex tkompli tiġi ddiversifikata l-ekonomija Għawdxija. Kif iddiskutejna hawn u kif ħareġ ukoll mir-rapport ta' dan l-istess kumitat, huwa mportanti li nħarsu lejn setturi ġodda bħal *green economy* u d-diġitalizzazjoni, biex l-ekonomija Għawdxija ma tibqax tiddependi mit-turiżmu. Huwa mportanti li nagħmlu mill-ekonomija Għawdxija, waħda sostenibbli li tiggarantixxi ġejjieni stabbli matul din il-mewġa li lkoll kemm aħna qed nesperjenzjaw. Issa iktar minn qatt qabel huwa l-mument fejn nistgħu nattwaw il-bidla li nixtiequ.

## Għajnuna Statali

Fir-rapport ppreżentat minn dan l-istess Kumitat ħareġ li:

> *Għawdex għandu jiġi trattat b'mod differenti. Dan jeħtieġ impetu u eżerċizzju ħolistiku biex tiġi indirizzata l-isfida tal-istate aid fil-kuntest tal-ħtieġa ta' pakkett partikolari u speċifiku biex jindirizza l-bżonnijiet ta' Għawdex*[2]

Bħala Kamra dejjem tkellemna fuq dan l-aspett, mhux biss fuq livell nazzjonali imma wkoll fuq livell Ewropew, l-iktar mill-fatt kif inhi strutturata bħalissa d-*De Minimis*. Fl-ittra li bgħatt bħala President tal-INSULEUR (Insular Chambers of Commerce of the

[1] *Updated: Malta Allocated € 2.25 billion in EU funds from new deal, government reveals* (online) : https://www.independent.com.mt/articles/2020-07-21/local-news/Malta-obtains-its-biggest-allocation-of-EU-funds-ever-from-new-EU-deal-Prime-Minister-says-6736225345 [accessed 27 July 2020].

[2] Kamra tad-Deputati. Parlament ta' Malta (2020), *Rapport mill-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u t-triq 'il quddiem*, p. 16.

European Union) fit-tmintax ta' Ġunju ta' din is-sena, lill-Presidenti tal-Kummissjoni Ewropeja, tal-Parlament Ewropew, u tal-Kunsill tal-Ewropa sħaqt kif:

> INSULEUR seizes this momentum to reiterate the need for the implementation of a **specific strategy for EU islands with an appropriate policy/legislative framework** that encompasses a **much needed territorial dimension** at all levels: European, national, and regional/ local.
>
> Such a territorial dimension is also required in the **EU State Aid Framework**. An urgent and immediate component of this framework should be a **differentiated**, but **permanent** state aid regime for islands where insularity would be recognized as a permanent feature affecting negatively, directly and indirectly islands' economies. This framework would ensure the sustainable development of islands at *pari passu* with the mainland.[3]

Kopja ta' din l-ittra qed nippreżentaha f'dan il-kumitat. Dan l-istess kunċett erġajt irrepetejtu f'ittra li ntbagħtet lill-Prim Ministri rispettivi tal-pajjiżi Ewropej fil-bidu ta'Lulju.

Ħafna mill-għajnuniet li bħalissa jagħti l-Gvern fuq livell nazzjonali huma mogħtija taħt il-*framework* tad-De Minimis jiġifieri li l-għajnuniet li jingħataw ma jistgħux jaqbżu l-200,000 ewro fuq medda ta' tlett snin.

F'dawn is-snin ingħataw diversi għajnuniet speċifiċi għal Għawdex, kif ukoll skemi maħruġa mill-Ministeru għal Għawdex u Malta Enterprise biex jgħinu intrapriżi Għawdxin. Madanakollu intrapriża bbażata f'Għawdex dejjem ħa tibqa' fi żvantaġġ. Nieħdu per eżempju l-manifattura. Il-Gvern jagħti għajnuna imsejħa l-*Gozo Transport Grant Scheme* għat-trasport bejn iż-żewġ gżejjer. Filwaqt li dan hu benefiċċju tajjeb dan iffisser ukoll li kumpanija bbażata f'Għawdex tkun użat parti mill-fondi u jonqsilha l-limitu ta' mitejn elf ewro minħabba din l-iskema. Dan ifisser li kumpanija fil-manifattura f'Għawdex jonqsilha l-kapaċita li tagħmel użu minn skemi oħrajn li l-iskop tagħhom huma li jżidu l-kompetitivita tagħha, u hekk tibqa' dejjem fi' żvantaġġ meta kkumparata ma' kumpaniji bbażati f'Malta u fl-istess Unjoni Ewropeja.

Wieħed m'għandux jinsa wkoll il-problema tad-*definizzjoni* ta' *single undertaking*, fejn meta għandek numru ta' kumpaniji taħt l-istess grupp il-limitu ta' 200,000 ewro jintlaħaq iktar malajr għax dawn jitqiesu bħala kumpanija waħda. Dan ifisser li kumpaniji Għawdxin huma limitati sa fejn jistgħu jespandu l-operat tagħhom, għax din l-istess espansjoni tiġi limitata minn dawk l-istess għajnuniet li suppost jgħinuhom.

---

[3] Joseph Borg (2020), *Letter to the President of the European Commission, President of the European Parliament, President of the European Council*, 18 ta' Ġunju 2020.

L-argument tagħna hu li għandu jkun hemm *framework* differenti għall-gżejjer. Dan minħabba li intrapriżi li jinsabu fi gżejjer bħal Għawdex għandhom *cost structure* differenti, fejn l-ispejjeż tagħhom huma ikbar. Dan ma japplikax biss għall manifattura imma għas-setturi l-oħrajn kollha.

Din il-pandemija uriet l-importanza ta' reġim flessibli fl-*istate aid*, l-istess flessibilta li għaliha konna ilna ngħajtu ż-żmien. L-Ewropa, għalhekk daħlet it-*Temporary State Aid Framework*, li għolla l-limitu għall-għajnuna lill-intrapriża fejn iddaħħlu strumenti ġodda, għalkemm id-*De Minimis per se* baqa' ma ntmessx. Il-Eurochambres, li tirrappreżenta il-Kmamar tal-Kummerċ madwar l-Ewropa, diġa qed tisħaq li l-limitu tad-*De Minimis* għandu jikber sa 500,000 ewro. Aħna qed nisħqu li fuq kull livell din il-flessibilta għandha tiġi murija lill-gżejjer billi dawn qed jaffaċċjaw sfidi ikbar.

Huwa ta' pjaċir għalina li f'dan il-kumitat se tiġi ppreżentata l-*paper* ikkummissjonata mill-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, lill Dr Gordon Cordina. Din kienet proposta dwar tibdil fil-mod ta'kif tingħata l-għajnuna statali taħt il-*framework* tad-*De Minimis* u li ġiet ippreżentata fil-Forum tal-INSULEUR f'Ottubru li għadda. Inħalli għalhekk lil Dr Gordon Cordina biex jagħtikhom preżentazzjoni ta' din il-*paper.* Kopja ta' din il-*paper* qed nippreżentaha lill-Kumitat tal-Kamra.

---